MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru 1800/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR MARIO CUSCHIERI**
**VS**
**MARIUS VAMANU**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Marius Vamanu, ta’ 31 sena, iben Jorge u Victoria xebba Tapalanga, Romania, imwieled Botosani, Romania, residenti Romania Calea Nationala, Numru 61, Block C1, Ap. 6 Et 2 Botosani, Romania u detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 11078419 li mahrug nhar 13 ta’ Marzu, 2006 in Botosani, Romania.

Illi huwa akkuzat f’dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2008 u Ottubru 2008:

1) Talli mpjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhom licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol u cioe' ta' impjieg lil **Zaluschi Marius Ionut, Amarusi Andrei, Vamanu Adrian, Onofrci Mihai, Apetrei Gabriel-Iulian, Benezatu Emanuel-Ionut, Susai Catalin Nicusor, Pastolache Ovidue Stefan, Murarasu Adrian-Dumitru, Mikai Vasilecris,** kollha ta' nazzjonalita' Rumena;

2) Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, *full-time*, *part-time* jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dawn l-impjiegi;

3) Ukoll talli bhala l-persuna li kien responsabbli tax-xoghol li kien qed isir, impjega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

4) Ukoll talli ezercita attivita ekonomika f'Malta minghajr ma kienx irregistra ghar-ragunijiet ta' VAT.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat datata 10 ta' Novembru 2008;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Marius Vamanu, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 3(a), 7 u 10 ta' l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993, Artikolu 10 u 81 tal-VAT Act XXIII tan-1998, tikkundannah ihallas is-somma ta' elf seba' mija, sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (1747.03 Euro).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------